MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 890/2013

**APS Bank Limited (Reg Numru C 2192)**

**vs**

**Mario Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ APS Bank Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimat Mario Bezzina huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ erbghin elf, tliet mija u tlieta u tletin ewro u sittin ewro centezmi (€40,333.60), rapprezentanti in kwantu erbgha u tletin elf, erba’ mija u sebghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmi (€34,470.41), bilanc dovut fuq il-kont *Overdraft* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, xejn, hamsa, tmienja, tlieta, tlieta, sing, hamsa (2000005833-5) [*kopja hawn annessa u mmarkata bhala*

*Dokument A*], u in kwantu ghal hamest elef, tmien mija u tlieta u sittin ewro u dsatax-il ewro centezmu (€5,863.19) bilanc dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, xejn, sebgha, xejn, hamsa, wiehed, sing, xejn (2000107051-0) [*kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B*], oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 sal-pagament effettiv fuq erbgha u tletin elf, erba' mija u sebghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmi (€34,470.41) bilanc dovut fuq il-kont *Overdraft* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, xejn, hamsa, tmienja, tlieta, tlieta, sing, hamsa (2000005833-5);

L-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimat lis-socjeta' rikorrenti, u fil-fehma tal-istess socjeta' rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma tal-istess socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv;

Ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta' rikorrenti, inkluz b'ittra ufficjali datata 9 ta' Awwissu 2012, (*kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C*] huwa baqa' inadempjenti;

Is-socjeta' rikorrenti qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

Ir-rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbghin elf, tliet mija u tlieta u tletin ewro u sittin ewro centezmi (€40,333.60), rapprezentanti in

kwantu erbgha u tletin elf, erba' mija u sebghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmi (€34,470.41), bilanc dovut fuq il-kont *Overdraft* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, xejn, hamsa, tmienja, tlieta, tlieta, sing, hamsa (2000005833-5) [*kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A*], u in kwantu ghal hamest elef, tmien mija u tlieta u sittin ewro u dsatax-il ewro centezmu (€5,863.19) bilanc dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, xejn, sebgha, xejn, hamsa, wiehed, sing, xejn (2000107051-0) [*kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B*], oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 sal-pagament effettiv fuq erbgha u tletin elf, erba' mija u sebghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmi (€34,470.41) bilanc dovut fuq il-kont *Overdraft* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, xejn, hamsa, tmienja, tlieta, tlieta, sing, hamsa (2000005833-5).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li huwa mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Mario Bezzina baqa' ma deherx. Lanqas ma kien rapprezentat.

Ikkunsidrat li l-Bank rikorrent irnexxielu jipprova, kemm bil-gurament ta' Joseanne Gauci kif ukoll bid-dokumenti prodotti illi t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha tintlaqa'.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' APS Bank Limited kif dedotta fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mario Bezzina.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------